Rev. 1.0

SAMSUNG

# Samsung Portable SSD T3

## Manwal tal-Utent

MU-PT250B / MU-PT500B / MU-PT1T0B / MU-PT2T0B

# INFORMAZZJONI LEGALI

## ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ LEGALI

SAMSUNG ELECTRONICS TIRRISERVA D-DRITT LI TIBDEL IL-PRODOTTI, L-INFORMAZZJONI U L-ISPEĊIFIKAZZJONIJIET MINGĦAJR AVVIŻ.

Il-prodotti u l-ispeċifikazzjonijiet diskussi hawnhekk huma għal skopijiet ta' referenza biss. L-informazzjoni kollha diskussa hawnhekk tista' tinbidel mingħajr avviż u hi pprovduta fuq bażi "KIF INHI", mingħajr garanziji ta' kwalunkwe tip.

Dan id-dokument u l-informazzjoni kollha diskussi hawnhekk jibqgħu l-proprjetà unika u esklussiva ta' Samsung Electronics. L-ebda liċenzja ta' kwalunkwe patent, copyright, mask work, trademark, jew kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali oħra mhi qed tiġi mogħtija minn parti waħda lill-parti l-oħra taħt dan id-dokument, b'implikazzjoni, estoppels jew b'xi mod ieħor.

Il-prodotti Samsung mhumiex intenzjonati għall-użu f'tagħmir ta' life support, kura kritika, medika, tagħmir tas-sigurtà, jew applikazzjonijiet simili fejn ħsara fil-prodott tista' tirriżulta f'telf ta' ħajja jew ħsara personali jew fiżika, jew kwalunkwe applikazzjoni militari jew difensiva, jew kwalunkwe akkwist governattiv li għalih jistgħu japplikaw termini jew dispożizzjonijiet speċjali.

Għal aġġornamenti jew informazzjoni addizzjonali dwar il-prodotti ta' Samsung ikkuntattja lill-eqreb uffiċċju tiegħek ta' Samsung. L-ismijiet kollha tad-ditti, trademarks u trademarks reġistrati jappartjenu lis-sidien rispettivi tagħhom.

Copyright © 2016 Samsung Electronics Co., Ltd. Il-jeddijiet kollha huma riservati.

* L-istampi murija f'din il-Manwal tal-Utent jistgħu jkunu differenti mill-prodott attwali, u l-kontenut ta' dan il-manwal jista' jkun suġġett għal tibdil mingħajr avviż minn qabel.

# Samsung Portable SSD T3

## Tabella tal-Kontenut

Kif Tibda ........ 1

X'Hemm fil-Kaxxa ........ 1
Rekwiżiti tas-Sistema ........ 1

Kif tuża T3 ........ 3

Kif tuża T3 fuq PC ........ 3
Kif tikkonnettja ma' Android Mobile Device ........ 7

Attenzjoni ........ 10

Kif Tagħmel Backing Up ta' Dejta Importanti u Garanziji ........ 10
Garanziji fir-Rigward ta' Passwords Minsija ........ 10
Konformità mal-Istandards tas-Sigurtà u Kif Tikkonnettja ma' Tagħmir Iċċertifikat ........ 10
Impatt ........ 10
Żarmar, Ħsara, Tneħħija ........ 10
L-Użu ta' Aċċessorji Ġenwini ........ 10
Kif Tuża l-Prodott fit-Temperatura u l-Umdità Xierqa ........ 10
Kif Tikkonnettja ma' Tagħmir li Mhux PC jew Android Device ........ 10
Kif Taqla' l-Cable ........ 11
Virus Scans u Aġġornamenti ........ 11
Kif Tnaddaf il-Prodott ........ 11
Żomm il-Prodott 'il Bogħod minn Tfal, Trabi u Pets ........ 11

Speċifikazzjonijiet tal-Prodott u Ċertifikazzjonijiet ........ 12

Speċifikazzjonijiet tal-Prodott ........ 12
Ċertifikazzjonijiet ........ 12
FCC (Federal Communication Commission) ........ 13
CE (Konformità Ewropea) ........ 13
WEEE (Skart minn Tagħmir Elettriku u Elettroniku) ........ 14

# Kif Tibda

Qabel ma tuża s-SamsungPortable SSDT3 (imsejħa “T3”), jekk jogħġbok aqra dan il-Manwal tal-Utent bir-reqqa u uża l-prodott b'mod sigur u kif xieraq.

## X'Hemm fil-Kaxxa




Samsung Portable SSD T3 | USB 3.1 Type-C to Type-A Cable | Manwal tal-Utent u Ċertifikat ta' Garanzija

## Rekwiżiti tas-Sistema

**1. USB 3.1 Gen 1 (5 Gbps) jew USB 3.0 (5 Gbps) interface support**

USB (Universal Serial Bus) hu serial input/output interface standard biex tikkonnettja diversi devices. USB 3.1 Gen 1 (5 Gbps) u USB 3.0 (5 Gbps), kollettivament imsejħa “USB 3”, tappoġġja veloċità ta' trasferiment ta' sa 10 darbiet il-veloċità ta' USB 2.0 (480 Mbps). Il-veloċità tat-trasferiment tad-dejta ta' T3 hi l-aħjar bi USB 3, u l-użu ta' verżjonijiet iktar baxxi bħal ma huma USB 2.0 u 1.1 jista' jirriżulta fi prestazzjonijiet aktar baxxi minħabba limitazzjonijiet tal-interface.

* Il-prestazzjoni tista' tvarja skont is-sistema ta' kull utent, anki meta jintużaw konnessjonijiet USB 3.0. T3 tista' ma tagħtix prestazzjoni tajba jekk UASP ( USB Attached SCSI Protocol) ma jkunx appoġġjat. Jekk jogħġbok aċċerta ruħek li s-sistema li T3 tkun ikkonnettjata magħha tappoġġja UASP.

**2. Sistema Rakkomandati tal-Operat biex Tuża Security Software**

- Windows OS: Windows 7 jew ogħla
- Mac OS: Mac OS X 10.7 jew ogħla
- Android: Android KitKat (ver. 4.4) jew ogħla

## 3. File Formats

T3 tiġi fformattjata billi tuża exFAT file format, sabiex tappoġġja WindowsOS, MacOS, u l-iktar Android sistemi riċenti tal-operat.

Il-qari/kitba tad-dejta għal file formats jistgħu jvarjaw skont il-OS. Jekk tuża T3 fuq OS waħda, hu rakkomandat li tifformattja l-T3 billi tuża fl-file format adattat għal dik il-OS.

(eż.) Restrizzjonijiet ta' qari/kitba għal file formats minn kull sistema tal-operat

| File Formats | Windows OS | Mac OS |
|---|---|---|
| exFAT | Kemm qari kif ukoll kitba | Kemm qari kif ukoll kitba |
| NTFS | Kemm qari kif ukoll kitba | Qari biss |
| HFS | Mhux rikonoxxut | Kemm qari kif ukoll kitba |

* Meta tuża exFAT fuq sistemi multipli ta' operat, il-kitba tad-dejta tista' tissakkar u inti tkun tista' biss taqra d-dejta. Jekk isseħħ din il-problema, tista' tagħmel restore write access billi ssegwi l-istruzzjonijiet ta' hawn taħt.

- Mac OS: Ikkonnettja T3 mill-ġdid mal-Mac tiegħek, u agħmel Eject.
- Windows OS: Fin-notice window li tidher meta l-aċċess għall-kitba jkun iddiżattivat, ikklikkja “Scan and fix” biex tagħmel Check Disk (CHKDSK). Jekk tkun għalaqt il-window, tista' twettaq Check Disk billi tagħżel id-drive → Right-click → Properties → Tools → ikklikkja Check.

## 4. Kapaċità ta' T3 Murija fuq is-Sistema

Meta T3 tkun ikkonnettjata ma' PC, il-kapaċità murija fuq is-sistema tista' tvarja mill-kapaċità mmarkata fuq il-prodott, skont il-format tad-drive, il-partitioning u s-sistema tal-kompjuter.

* eż.: Windows OS

Il-kapaċità mmarkata fuq il-prodott tiġi kkalkulata kif muri hawn taħt.

1 MB = 1,000,000 bytes / 1 GB=1,000,000,000 bytes / 1 TB=1,000,000,000,000 bytes

# Kif tuża T3

## Kif tuża T3 fuq PC

1. **Kif tikkonnettja ma' PC**

   Ikkonnettja T3 ma' desktop PC jew laptop billi tuża USB port.

2. **Kif tissettja password, tagħmel log in u tibdel is-settings fuq PC**

   A. **Kif tħaddem is-software**

   F'Explorer (Windows OS) jew Desktop (Mac OS), agħżel T3 Security Enabler icon.

Windows OS



T3 Security Enabler for Windows.exe

Mac OS



T3 Security Enabler for Mac.app

* Jekk tifformattja l-T3 wara li tixtrija, is-software maħżun fuq id-drive se jitħassar. F'dan il-każ, tista' tniżżel it-T3 Security Enabler software minn Samsung website http://www.samsung.com/samsungssd li tistabbilixxi password.

   B. **Kif tissettja l-password**

   Issettja l-password billi ssegwi l-istruzzjonijiet fuq kull screen tas-software. Ġaladarba inti taqbel mat-termini u l-kundizzjonijiet tas-software, tista' tissettja password permezz tal-passi li ġejjin. (Ċerti komponenti tas-software se jiġu installati fuq il-PC tal-utent biex jiġu esegwiti l-funzjonijiet tal-password u għall-konvenjenza tal-utent.)

**Password setup screen**




Screen inizjali




Issettja password għal Samsung Portable SSD




Summary screen




Semmi d-drive mill-ġdid (mhux obbligatorju)

* Għal Mac OS, SAT drivers għall-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tas-sigurtà u kernel software biex tintwera l-log in window awtomatikament meta T3 tkun konnessa mal-PC, jiġu installati. Jekk id-driver ma jkunx installat, lesti l-installazzjoni billi tirreferi għall-istruzzjonijiet tal-installazzjoni ta' SAT driver. Ġaladarba jkun installat, skonnettja u erġa' kkonnettja T3 biex tiżgura li l-installazzjoni tkun irnexxiet.

* Il-manifattur u l-aġent minn fejn xtrajt il-prodott mhumiex responsabbli għat-telf ta' dejta tal-utent ikkawżat minn passwords minsijin jew misruqin. Jekk tinsa l-password tiegħek, il-T3 tista' tiġi restored għas-settings tal-fabbrika permezz ta' servizz online miċ-Ċentru tas-Servizz ta' Samsung. Madankollu, id-dejta kollha tal-utent se tintilef fil-proċess. Jekk tkun attivajt il-protezzjoni tal-password, jekk jogħġbok uża kawtela biex ma tinsiex jew titlef il-password tiegħek.

### C. Log in

Jekk tkun attivajt il-protezzjoni tal-password, tidher paġna tal-log in meta tikkonnettja l-T3 ma' PC. Trid tikteb il-password tiegħek u tagħfas il-buttuna Log in biex tikseb aċċess għad-dejta.

**Log in screen**




* Skont l-ambjent tal-utent, il-log in window tista' ma tintweriex awtomatikament. F'dak il-każ. agħmel double-click fuq is-T3 software icon f'Explorer fuq Windows jew id-Desktop fuq Mac OS.
* Password protezzjoni hi appoġġjata biss f'ċerti verżjonijiet ta' kull OS jew ogħla. Jekk jogħġbok iċċekkja r-rekwiżiti tas-sistema qabel ma tattiva l-protezzjoni tal-password.
* Jekk il-protezzjoni tal-password tiġi attivata, il-partition tas-sigurtà tal-T3 se tintwera fil-bidu. F'Windows 7, dan l-ispazju fih madwar 120 - 128 MB biss. Ġaladarba tikteb il-password u jirnexxilek tagħmel log in, il-kapaċità sħiħa ta' T3 se tintwera fis-sistema tiegħek.

### D. Kif Tibdel is-Settings

- Kif tħaddem is-software biex tibdel is-settings fuq Windows OS

  Tista' tibdel is-settings tal-T3 billi tikklikkja l-T3 tray icon ( ) fuq il-PC li fih il-T3 Security Software ikun installat. Meta tuża PC mingħajr is-software tas-sigurtà, tista' tniżżel “T3 Security Enabler.exe” mill-Samsung website (http://www.samsung.com/samsungssd) u tinstallah biex tibdel is-settings.

- Kif tħaddem is-software biex tibdel is-settings fuq Mac OS

  Tista' tibdel is-settings tal-T3 billi tikklikkja l-T3 tray icon ( ) fid-desktop tal-PC li fih il-T3 Security Software ikun installat. Meta tuża PC mingħajr is-software tas-sigurtà, tista' tniżżel “T3 Security Enabler.app” mill-Samsung website (http://www.samsung.com/samsungssd) u tinstallah biex tibdel is-settings.

* Deskrizzjoni tal-key screens biex tibdel is-settings

– Home screen: Juri l-istatus tal-prodott ikkonnettjat.
  Jekk units T3 multipli jkunu kkonnettjati, tista' tibdel is-settings billi tagħżel wieħed mill-units mill-home screen u tidħol fil-Profile screen.

**Home screen**




**Profile screen**




L-istat ta' kull T3 hu indikat billi tuża wieħed mit-tliet ikoni ta' hawn taħt, skont il-password settings.

T3 indikaturi tal-istat tas-sigurtà fuq il-Home screen

| Stat | | Deskrizzjoni |
|---|---|---|
| Unprotected | | Dan meta l-protezzjoni tal-password tiġi ddiżattivata. Tista' tmur fil-Profile screen u tibdel is-settings billi tikklikkja s-Settings ( ) icon fuq is-system tray. |
| Unlocked | | Dan meta l-protezzjoni tal-password tkun attivata u l-utent ikun logged in. Tista' tmur fil-Profile screen u tibdel is-settings billi tikklikkja l-( ) icon. |
| Locked | | Dan meta l-protezzjoni tal-password tkun attivata, iżda l-utent ma jkunx logged in. Tista' tmur fil-log in screen u tibdel is-settings billi tikklikkja l-( ) icon. |

Kif tidħol fil-Home screen

| PC OS | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Windows OS | Agħżel it-T3 tray icon ( ), right-click, u agħżel Open biex tidħol fil-Home screen. |
| Mac OS | Ikklikkja fuq l-T3 icon ( ) fuq id-Desktop biex tidħol fil-Home screen. |

– Profile screen: Juri d-dettalji tal-prodott T3 ikkonnettjat. Tista' tibdel l-isem tiegħu, il-password u l-istat tal-protezzjoni tal-password mill-Profile screen. Password l-istat tal-protezzjoni jintwera kif jidher hawn taħt.

**Jekk il-password tkun ġiet issettjata**




* Jekk il-password ma tkunx ġiet issettjata, "Security" tidher bħala "Disabled" u "Password" ma tidhirx fuq l-iscreen.

Kif tidħol fil-Profile screen

Agħżel T3 tray icon (  ), right-click, u agħżel il-prodott taħt is-Settings menu jew idħol fil-Home screen u agħżel il-T3 unit biex tikseb aċċess għall-Profile screen.

## 3. Kif Tneħħi b'Mod Sigur mill-PC

Meta tiskonnettja T3 mill-PC tiegħek, jekk jogħġbok uża s-Safely Remove Hardware feature biex tipproteġi d-dejta tiegħek u tevita ħsara possibbli lill-prodott.

* Li taqla' l-prodott minn mal-PC mingħajr ma twettaq Safely Remove Hardware jista' jikkawża telf ta' dejta jew jagħmel ħsara lill-prodott. Jekk jogħġbok kun żgur li tuża dejjem is-Safely Remove Hardware feature. Il-manifattur u l-aġent minn fejn xtrajt il-prodott mhumiex responsabbli għat-telf ta' dejta tal-utent jew ħsarat lill-prodott, ikkawżati minn żball tal-utent.

Kif Tneħħi b'Mod Sigur il-Hardware permezz tal-PC OS

| PC OS | Deskrizzjoni |
|---|---|
| Windows OS | Ġaladarba Safely Remove Hardware tintgħażel mit-tray, agħżel it-tagħmir li tixtieq tneħħi u kklikkja Eject. Ġaladarba t-tagħmir ikun tneħħa b'mod sigur, inti se tiġi avżat mill-OS. Neħħi l-cable wara li l-activity indicator LED fuq il-prodott isir aħmar u mbagħad jintefa. |
| Mac OS | Agħmel right-click fuq il-T3 icon, u agħżel Eject jew kaxkar l-ikona fit-Trash biex tneħħi l-prodott b'mod sigur. Neħħi l-cable wara li l-activity indicator LED fuq il-prodott isir aħmar u mbagħad jintefa. |

# Kif tikkonnettja ma' Android Mobile Device

## 1. Kif tikkonnettja ma' Android Mobile Device (imsejħa "Android device")

T3 hu maħsub għall-użu l-aktar ma' PC. U billi Android devices jużaw diversi tipi ta' USB connectors, l-adapter xieraq għal kull tagħmir irid jinxtara separatament.

Wara li tixtri l-adapter, ikkonnettja l-T3 mal-USB port tal-Android device tiegħek.

* Qabel ma tikkonnettja l-T3, aċċerta ruħek li l-Android device tkun qed taħdem b'KitKat (ver. 4.4) jew ogħla. Anki jekk il- verżjoni OS tat-tagħmir tkun tissodisfa r-rekwiżiti, jista' jkun hemm restrizzjonijiet fl-użu ta' T3 skont l-ambjent tas-sistema.

## 2. Kif tissettja password, tagħmel log in u tibdel is-settings billi tuża Android device

Wara li tikkonnettja T3 ma' Android device, diversi tasks jistgħu jitwettqu meta d-dejta tkun qiegħda tiġi ttrasferita bejn T3 u l-Android device. Jekk tkun issettjajt password biex tipproteġi dejta sensittiva maħżuna fuq il-T3, tista' tinstalla Samsung's "Portable SSD" app biex tuża l-funzjoni tas-sigurtà tal-password.

### A. Kif tinstalla Samsung's "Portable SSD" Mobile App u Setting Password

Installa l-app billi tfittex "Samsung Portable SSD" fuq Google Play.
Wara li tinstalla l-mobile app, segwi l-istruzzjonijiet fuq l-iscreen biex tissettja l-password.

* Inti trid taqbel mat-Termini u l-Kundizzjonijiet biex tissettja password u tuża l-mobile app.










By default, il-prodott se jkun jismu Samsung T3 fis-software. Jekk tixtieq tibdillu ismu, tista' tagħmel dan billi tagħżel il-buttuna Change.



Wara li t-tagħmir jinbidillu ismu, se jidher screen biex tagħżel il-file manager ippreferut fuq l-Android device, għall-konvenjenza tal-utent. Ġaladarba tagħżel il-file manager ippreferut, il-file manager magħżul se jintwera meta jseħħu file manager operations relatati mal-T3 mobile app.




## B. Log in

Jekk tkun ġiet issettjata password fuq il-T3, il-mobile app trid tiġi installata biex tkun tista' tagħmel log in. Jekk l-app tkun installata, il-log in screen jidher meta T3 tkun ikkonnettjata. Jekk il-log in screen ma jidhirx, iftaħ l-app biex turi l-log in screen.




## C. Kif Tibdel is-Settings

- Kif Tibdel l-Isem: Miss l-">" biswit "Name" biex ittella' r-renaming screen.






- Change password: Miss l-“>” biswit “Password” biex ittella' l-password change screen.







- Attiva/iddiżattiva l-protezzjoni tal-password: Miss l-“>” biswit “Security” biex ittella' s-settings screen.







## 3. Kif Tneħħi b'Mod Sigur minn Android Device

Fin-Notification View fin-naħa ta' fuq tal-Android device, miss “Safely remove mass storage” biex tiskonnettja T3 mill-Android device b'mod sigur.

* Meta tiskonnettja T3 mill-PC tiegħek, jekk jogħġbok uża s-safe hardware removal feature biex tipproteġi d-dejta tiegħek u tevita ħsara possibbli lill-prodott. Anki jekk Notification View turi li t-trasferiment tad-dejta jkun lest, li taqla' T3 minn mal-Android device mingħajr ma twettaq il-proċedura ta' tneħħija bla periklu, jista' jikkawża telf ta' dejta jew ħsara lill-prodott. Il-manifattur u l-aġent minn fejn xtrajt il-prodott mhumiex responsabbli għat-telf ta' dejta tal-utent jew ħsarat lill-prodott, ikkawżati minn żball tal-utent.

# Attenzjoni

Jekk ma ssegwix il-messaġġi ta' attenzjoni f'kull sezzjoni ta' dan il-manwal jew it-twissijiet li ġejjin, dan jista' jirriżulta f'korriment, ħsara lill-prodott jew telf ta' dejta. Jekk jogħġbok aqra bir-reqqa qabel tuża l-prodott.

## Kif Tagħmel Backing Up ta' Dejta Importanti u Garanziji

Samsung Electronics ma tipprovdi l-ebda garanzija fuq id-dejta maħżuna fuq il-T3 taħt l-ebda ċirkustanzi. Samsung Electronics tiċħad kwalunkwe responsabbiltà u r-responsabbiltà kollha għal danni psikjatriċi u/jew fiżiċi jew telf ikkawżat minn telf jew restoration ta' dejta maħżuna fuq il-T3. Kun żgur li dejjem tagħmel back-up ta' dejta importanti.

## Garanziji fir-Rigward ta' Passwords Minsija

Billi T3 tutilizza teknoloġiji avvanzati ta' encryption, ma jistax jinkiseb aċċess għad-dejta tal-utent jekk il-password tiegħek tintesa. Jekk jogħġbok ikteb l-password tiegħek u żommha f'post sigur. Jekk il-prodott ma jkunx jista' jintuża minħabba password minsija, il-prodott jista' jiġi restored għas-settings tal-fabbrika permezz ta' servizz online minn Ċentru ta' Servizz Samsung. Madankollu, li tagħmel restore tat-tagħmir għas-settings tal-fabbrika, dan se jirriżulta fit-telf komplet tad-dejta kollha tal-utent, minbarra r-resetting tal-password. Kun żgur li tagħmel back-up ta' dejta importanti fuq bażi regolari.

## Konformità mal-Istandards tas-Sigurtà u Kif Tikkonnettja ma' Tagħmir Iċċertifikat

Dan il-prodott kien iddisinjat biex ikun konformi ma' limitazzjonijiet ta' konsum ta' enerġija skont l-istandards tas-sigurtà. Jekk jogħġbok uża tagħmir u USB ports li jkunu konformi mal-istandards relatati.

## Impatt

M'għandek tippermetti l-ebda impatt qawwi fuq il-prodott. Dan jista' jikkawża li t-tagħmir ma jaħdimx tajjeb jew telf ta' dejta.

## Żarmar, Ħsara, Tneħħija

Iżżarmax il-prodott, jew tagħmel ħsara jew tneħħi l-istickers jew it-tikketti li jkunu mwaħħlin mal-prodott. Jekk il-prodott ikun ġie żarmat, ikollu l-ħsara, jew jekk it-tikketta tkun tneħħiet mill-utent, il-garanziji kollha mhux se jibqgħu jgħoddu. Dejjem għandek tikkuntattja Ċentru ta' Servizz ta' Samsung awtorizzat għal kwalunkwe tiswijiet.

## L-Użu ta' Aċċessorji Ġenwini

Dejjem uża partijiet u aċċessorji ġenwini pprovduti minn, jew iċċertifikati minn Samsung Electronics. Il-manifattur u l-aġent mhumiex responsabbli għall-ħsarat lill-prodott jew telf ta' dejta tal-utent ikkawżati mill-użu ta' partijiet jew aċċessorji mhux ġenwini.

## Kif Tuża l-Prodott fit-Temperatura u l-Umdità Xierqa

Uża l-prodott f'ambjent xieraq: temperatura ta' bejn 5°C - 35°C u umdità ta' bejn 10 - 80%.

## Kif Tikkonnettja ma' Tagħmir li Mhux PC jew Android Device

Jekk jogħġbok iċċekkja l-kundizzjonijiet u l-metodi adattati fil-gwida ta' USB dwar il-konnessjonijiet tat-tagħmir li tixtieq tikkonnettja l-T3 miegħu qabel l-użu. Interferenza mhux mistennija tista' tikkawża li l-T3 u t-tagħmir ikkonnettjat, ma jaħdmux kif suppost. Il-T3 tista' ma tkunx appoġġjata mit-tagħmir tiegħek, skont is-sistemi ta' file format appoġġjati mit-tagħmir, u d-diversi ambjenti tas-sistema. Jekk jogħġbok iċċekkja r-rekwiżiti tal-USB mass storage appoġġjat mit-tagħmir qabel tuża l-T3.

# Kif Taqla' l-Cable

Tiġbidx u taqlax il-cable billi tuża forza eċċessiva. Jekk tagħmel hekk, dan jista' jikkawża konnessjoni instabbli jew ħsara lill-connector.

# Virus Scans u Aġġornamenti

Jekk jogħġbok segwi l-linji gwida tas-sigurtà li ġejjin għall-prevenzjoni ta' infezzjonijiet minn viruses.

- Installa l-programm tal-anti-virus fuq il-PC jew or Android device li miegħu l-T3 ikun ikkonnettjat, u wettaq virus scans fuq bażi regolari.
- Dejjem aġġorna s-sistema tal-operat u l-anti-virus software bl-aktar verżjoni riċenti.
- Wettaq virus scans fuq bażi regolari biex tipproteġi l-T3 milli jiġi infettat minn virus.
- Wara li tniżżel il-files fuq il-T3, wettaq virus scan qabel ma tiftaħ il-file.

# Kif Tnaddaf il-Prodott

Hu rakkomandat li tnaddaf il-prodott biss billi timsħu bil-mod b'biċċa drapp ratba. Tużax ilma, sustanzi kimiċi jew deterġent. Dawn jistgħu jikkawżaw tibdil fil-kulur jew korrużjoni fil-parti esterna tal-prodott, u jistgħu wkoll jikkawżaw nar jew xokk elettriku.

# Żomm il-Prodott 'il Bogħod minn Tfal, Trabi u Pets

Partijiet żgħar joħolqu riskju li wieħed jifga. Jekk jogħġbok żomm il-prodott 'il bogħod minn tfal, trabi jew pets biex ma tħallihomx iqiegħdu l-prodott jew partijiet minnu f'ħalqhom. Jekk tifel/tifla jkunu qed jużaw il-prodott, għidilhom kif għandhom jużawh b'mod korrett, u mmonitorja l-użu korrett.

# Speċifikazzjonijiet tal-Prodott u Ċertifikazzjonijiet

## Speċifikazzjonijiet tal-Prodott

| Mudell | MU-PT250B | MU-PT500B | MU-PT1T0B | MU-PT2T0B |
|---|---|---|---|---|
| Kapaċità | 250 GB | 500 GB | 1 TB | 2 TB |
| Interface | USB 3.1 Gen 1, (5 Gbps), USB 3.0, USB 2.0 | | | |
| Veloċità tat-Trasferiment tad-Dejta | Sa 450 MB/s | | | |
| Qisien | 74 x 58 x 10.5 mm | | | |
| Piż | 51 g (mudell ta' 2 TB) | | | |
| Speċifikazzjonijiet Rakkomandati tas-Sistema tal-Utent | Windows 7 jew ogħla, Mac OS X 10.7 jew ogħla, Android OS KitKat (ver. 4.4) jew ogħla | | | |

* Il-veloċità massima tat-trasferiment tad-dejta titkejjel skont l-istandards ta' ttestjar intern ta' Samsung. Il-prestazzjoni tista' tvarja skont l-ambjenti tal-utent

## Ċertifikazzjonijiet

### KC (Ċertifikazzjoni tal-Korea)

Simbolu ta' Identifikazzjoni: Ara hawn taħt

Isem: Samsung Electronics Co., Ltd.

Manifattur/Pajjiż tal-Manifattura: Samsung Electronics Co. Ltd/Repubblika tal-Korea

Sena u Xahar tal-Manifattura: Immarkati separatament

Rating/Mudell: Ara hawn taħt

Manifattur: SAMSUNG Electronics Co. Ltd

| Mudell | Rating | | Simbolu ta' Identifikazzjoni |
|---|---|---|---|
| MU-PT2T0B | 5 V | 0.7 A | MSIP-REM-SEC-MU-PT2T0B |
| MU-PT1T0B | 5 V | 0.7 A | MSIP-REM-SEC-MU-PT1T0B |
| MU-PT500B | 5 V | 0.7 A | MSIP-REM-SEC-MU-PT500B |
| MU-PT250B | 5 V | 0.7 A | MSIP-REM-SEC-MU-PT250B |

* Dan it-tagħmir għad-djar hu konformi mal-EMC (Klassi B), hu maħsub għall-użu f'ambjent domestiku, u jista' jintuża fi kwalunkwe reġjun.

## FCC (Federal Communication Commission)

Regolamenti tal-United States Federal Communication Commission (FCC)

Innota li kwalunkwe bidla jew modifika, li ma tkunx awtorizzata espressament mill-parti responsabbli għall-konformità mar-regolamenti, tista' tirriżulta f'li l-awtorità tal-utent li jħaddem it-tagħmir, ma tibqax tgħodd.

Dan it-tagħmir ġie ittestjat u vverifikat li hu konformi ma' FCC CFR Parti 15, Restrizzjonijiet fuq Tagħmir Diġitali ta' Klassi B.

Dawn ir-restrizzjonijiet huma implimentati biex jipprevjenu l-ħruġ ta' mewġ manjetiku elettroniku perikoluż meta t-tagħmir jintuża f'ambjenti residenzjali. Dan it-tagħmir jiġġenera, juża u jipproduċi l-ħruġ ta' enerġija ta' frekwenza tar-radju, u jista' jikkawża interferenza tar-radju ta' ħsara lil komunikazzjonijiet wireless jekk ma jkunx installat u użat skont il-linja gwida. Madankollu, dan ma jiggarantix l-assenza ta' interferenza tar-radju f'ċerti ambjenti installati. Jekk isseħħ interferenza tar-radju li tagħmel ħsara lir-reception tar-radju jew tat-TV meta t-tagħmir jinxtegħel jew jintefa, l-utent għandu jipprevjeni interferenza bħal din permezz ta' waħda mill-miżuri li ġejjin.

- Jaġġusta d-direzzjoni ta', jew jibdel il-pożizzjoni tar-reception antenna
- Iżid id-distanza bejn it-tagħmir u r-receiver
- Jipplaggja r-receiver u t-tagħmir fuq outlets fuq ċirkuwiti separati
- Ifittex għajnuna minn radio/TV technicians ikkwalifikati jew mingħand aġent

Dan it-tagħmir hu konformi ma' Parti 15 tar-regolamenti ta' FCC.

Dan it-tagħmir

- Ma jikkawżax interferenza elettromanjetika
- Jekk tiġi riċevuta kwalunkwe interferenza, inkluża interferenza li tista' tikkawża problemi tal-operat lit-tagħmir, it-tagħmir jista' jitħaddem fuq żewġ kundizzjonijiet li jassiguraw tħaddim normali. Dan il-prodott kien iddisinjat għal użu fuq ġewwa biss.

* FCC Avviż: Innota li kwalunkwe bidla jew modifika, li ma tkunx awtorizzata espressament mill-parti responsabbli għall-konformità mar-regolamenti, tista' tirriżulta f'li l-awtorità tal-utent li jħaddem it-tagħmir, ma tibqax tgħodd.

## CE (Konformità Ewropea)

Ċertifikazzjonijiet tal-manifattur CE

Dan il-prodott jissodisfa r-rekwiżiti obbligatorji u kundizzjonijiet oħrajn relatati tal-linji gwida ta' 1999/5/KE, 2004/108/KE, 2006/95/KE, 2009/125/KE u 2011/65/UE. Dan il-prodott kien iddisinjat għal użu fuq ġewwa biss.

## WEEE (Skart minn Tagħmir Elettriku u Elettroniku)

Din il-marka fuq il-prodott, partijiet jew dokumentazzjoni tfisser li l-prodott, l-aċċessorji elettroniċi tiegħu (eż.: chargers, headsets, USB cables) ma jistgħux jintremew ma' skart domestiku ieħor. Biex tipprevjeni impatt ambjentali u problemi għas-saħħa tal-bniedem ikkawżati minn skart mhux ikkontrollat, jekk jogħġbok ikkollabora biex tiżgura riċiklaġġ kontinwu tar-riżorsi billi tissepara l-prodott għar-riċiklaġġ.
Utenti personali jistgħu jfittxu lill-aġent jew lill-Kunsill Lokali biex isiru jafu kif jirriċiklaw il-prodott mingħajr ma ssir ħsara lill-pajjiż.
Utenti minn intrapriżi jistgħu jikkuntattjaw lill-bejjiegħ u jiċċekkjaw it-termini speċifikati fil-ftehim tax-xiri.
Dan il-prodott u l-aċċessorji elettroniċi tiegħu ma jistgħux jitħalltu ma' skart kummerċjali ieħor.